Kunsill tal-UE

PRESS

MT

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA
220/16
03/05/2016

# UE - Norveġja: protokoll addizzjonali għall-ftehim KEE-Norveġja

Fit-3 ta' Mejju 2016, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmaw protokoll addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u n-Norveġja tal-14 ta' Mejju 1973, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd matul il-perjodu 2014-2021.

Il-protokolli addizzjonali għandu jiġi applikat proviżorjament mid-data stipulata fl-artikoli tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri rilevanti biex jiġi ratifikat jew konkluż u jidħol fis-seħħ.

**Press office - General Secretariat of the Council of the EU**
Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319
press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press